31996D0706

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-6 ta' Diċembru 1996
dwar l-adozzjoni tal-linji gwida għall-programmi indikattivi dwar miżuri finanzjarji u tekniċi li jakkompanjaw ir-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali fil-qafas tas-sħubija Ewro-Mediterranju (MEDA)

(96/706/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1488/96 tat-23 ta' Lulju 1996 dwar miżuri finanzjarji u tekniċi li jakkompanjaw ir-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali fil-qafas tas-sħubija Euro-Mediterranja (MEDA) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 (1) tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi huwa meħtieġ għall-Kummissjoni li tqis is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' rapporti mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar koperazzjoni mas-sħab Mediterraniċi;

Billi l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1488/96 jipprovdi li l-Kunsill għandu, wara proposta mill-Kummissjoni, jaddotta linji gwida għall-programmi indikattivi li għandhom jiddefinixxu l-għanijiet prinċipali ta' koperazzjoni mas-sħab Mediterraniċi;

Billi l-Kummissjoni issottomettiet Komunikazzjoni fit-8 ta' Marzu 1995 intitolata "Tisħiħ tal-pulitika Mediterranja ta' l-Unjoni Ewropea: proposti għall-implimentazzjoni ta' sħubija Euro-Mediterranja";

Billi, fid-Dikjarazzjoni ta' Barċellona, is-sħubija Euro-Mediterranja kienet addottata sabiex tilqa' l-isfidi li r-reġjun iħabbat wiċċu magħhom,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-linji gwida għall-programmi indikattivi dwar miżuri finanzjarji u tekniċi li jakkompanjaw ir-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali fil-qafas tas-sħubija Ewro-Mediterranja (programmi indikattivi MEDA), kif muri fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni, huma b'dan addottati.

Artikolu 2

Dawn il-linji gwida għandhom ikunu rriveduti flimkien mar-Regolament (KE) Nru 1488/96, kif jipprovdi l-Artikolu 15(6) tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Hija għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussels, fis-6 ta' Diċembru 1996.

F'isem il-Kunsill

Il-President

D. SPRING

[1] ĠU L 189, tat-30.7.1996, p. 1.

ANNESS

LINJI GWIDA GĦALL-PROGRAMMI INDIKATTIVI MEDA

1. Il-programm imwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 1488/96 (minn hawn "il quddiem imsemmi bħala" programm MEDA') jirrapreżenta l-istrument finanzjarju prinċipali tal-KomunitàEwropea għall-implimentazzjoni tas-sħubija Ewro-Meditarranja. Il-programm għandu l-għan prinċipali tiegħu li jinkoraġġixxi u jappoġġa r-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali tas-sħab Mediterraniċi, l-aktar fil-preparazzjoni għal kummerċ ħieles mal-Komunità Ewropea.

2. Il-programm MEDA huwa stabbilit fuq ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u r-regola tal-liġi, kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, li għalih huma element essenzali u li l-ksur tagħhom ikun jiġġustifika t-teħid ta' miżuri xierqa.

L-esperjenza miksuba permezz ta' protokolli bilaterali

3. Il-programm MEDA għandu jibni fuq l-esperjenza miksuba permezz tat-tħaddim ta' strumenti tal-pulitika Mediterranja b'direzzjoni ġdida, jiġifieri l-protokolli finanzjarji bilaterali u faċilitar ta' koperazzjoni reġjonali. Wara erba' ġenerazzjonijiet ta' protokolli finanzjarji mas-sħab Mediterraniċi sar meħtieġ li jsir titjib fis-sistema ta' kif jitwasslu l-attivitajiet ta' koperazzjoni. Jekk il-programm MEDA se jkun kapaċi li jilqa' għall-isfida ta' koperazzjoni intensifikata b'mod sinifikanti, kemm fl-oqsma ġodda u kemm f'dawk eżistenti, allura huwa meħtieġ li tiżdied il-flessibiltà fil-programmazzjoni. Dan biex ikun evitat it-tixrid ta' l-isforz ta' koperazzjoni fuq numru wiesa' ta' attivitajiet u benfiċjarji u biex jingħata inċentiv għall-implimentazzjoni ħafifa u effiċjenti ta' impenn u krediti ta' ħlasijiet. Ugwalment, il-programm MEDA għandu jkun kapaċi li jadatta ruħu maż-żmien iktar ma wieħed jitgħallem mill-esperjenzi permezz ta' l-implimentazzjoni u kif il-bżonnijiet u l-prijoritajiet tas-sħab Mediterraniċi jevolvu ruħhom fid-dawl ta' l-isfidi soċjo-ekonomiċi. B'mod partikolari, għandu jinżamm grad suffiċjentement għoli ta' flessibilità għall-ammonti allokati għall-appoġġ bla rbit fl-estimi, fil-programmi indikattivi biex l-allokazzjonijiet finanzjarji jkunu adattati għall-pass ta' riforma u l-progress miksub fl-istabbilizzazzjoni makroekonomika.

Programmazzjoni multiannwali

4. Il-flessibilità *extra* tal-programm MEDA teħtieġ li tkun ikkomplementata b'metodoloġija ta' programmazzjoni ċara biex ittejjeb l-effikaċja ta' ippjanar u implimentazzjoni. B'mod partikolari huwa meħtieġ li tingħata lis-sħab indikazzjoni tar-riżorsi li se jkunu disponibbli matul is-snin li ġejjin. Programmazzjoni multiannwali bħal din għandha tkabbar il-possibiltajiet għal interventi li jkollhom impatt fuq il-pulitika fil-futur mhux imbiegħed. Regolament (KE) Nru 1488/96 (minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala Regolament MEDA) fih ċifra ta' referenza finanzjarja ta' ECU 3 424,5 miljun għall-perjodu 1995 sa 1999 [1], li għandu jitqassam bejn programmi bilaterali u programm reġjonali. Il-programmi indikattivi MEDA għandhom jidentifikaw attivitajiet li jikkontribwixxu għall-ksib ta' l-għanijiet iktar wiesa' tas-sħubija. B'danakollu, huwa prinċipju importanti tat-trattament tal-programmazzjoni ġdida li dawn jistgħu jkunu riveduti, skond kif tmur l-implimentazzjoni, flimkien ma' l-allokazzjonijiet finanzjari indikattivi bilaterali li jakkompanjawhom. Għandha tingħata attenzjoni biex ikunu żgurati t-trasparenza, l-immonitorjar adegwat tal-proġett u l-konsistenza ġenerali ta' l-azzjoni meħuda billi jintużaw l-approprjazzjonijiet ta' l-estimi.

Interventi strateġiċi

5. Fl-aħħar mill-aħħar l-iżvilupp soċjo-ekonomiku b'suċċess tas-sħab Mediterraniċi għandu jiddependi mill-isforzi tagħhom stess. Hekk, biex ikunu effettivi l-programmi indikattivi għandhom ikunu bbażati fuq il-fehma komuni ta' l-isfidi ekonomiċi, soċjali u politiċi li jiffaċċjaw lil kull sieħeb individwali u lir-reġjun kollu kemm hu. Djalogu regolari u abbundanti kemm fil-livell bilaterali u kemm f'dak reġjonali huwa għalhekk prekondizzjoni għas-suċċess tal-programm MEDA. Il-programmi indikattivi għandhom jikkonċentraw fuq numru limitat ta' setturi prijoritarji li jkunu ddeterminati permezz ta' djalogu ma' dawn il-pajjiżi kif ukoll permezz ta' kordinazzjoni ma' l-isforzi bilaterali ta' l-Istati Membri u donaturi oħra u b'mod partikolari fuq dawk iz-zoni fejn il-Komunità tista' tagħti l-akbar kontribut posittiv billi tuża l-ħażniet ta' esperjenza u l-għerf tagħha. Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb li tipprovdi l-kordinazzjoni meħtieġa ma' l-Istati Membri u donaturi oħra fil-programmazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi tagħha biex tiżgura l-aħjar sinerġiji ma' l-attivitajiet u l-interventi tagħhom. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mill-qrib matul id-disinn u l-abbozzar tal-programmi indikattivi u matul il-formulazzjoni ta' proposti għal proġetti individwali. Kull programm indikattiv u proposta għal proġett għandu jkun fihom referenza għall-istudji relevanti dwar esperjenza u riżultati passati.

---

[1] Il-Kunsill Ewropew ta' Cannes tat-12 ta' Ġunju 1995 ta l-kunsens tiegħu għal pakkett globali finanzjarju għal pajjiżi terzi Mediterranji għall-perjodu 1995 sa 1999 ta' ECU 4 685 miljun. Il-programm MEDA ta' ECU 3 424,5 miljun jikkostitwixxi l-akbar parti. Il-bqija hu magħmul minn protokolli ta' pajjiżi speċifiċi u linji tematiċi ta' l-estimi.

6. Fil-mira tagħha lejn il-għan ta' żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli l-Kummissjoni għandha, fl-analiżi li tinsab fil-programmi indikattivi u fl-identifikazzjoni u disinn tagħha ta' programmi ta' koperazzjoni, tqis b'attenzjoni il-kwistjonijiet ta' bilanċ ambjentali, vijabilità finanzjarja u ekonomika, sostenibbilità, riperkussjonijiet fuq is-sessi u kapaċità istituzzjonali lokali (inklużi dawk għal żvilupp ta' riċerka u teknika u trasferiment ta' teknika). Il-Kummissjoni, fl-analiżi iktar fil-fond tagħha, għandha tqis b'attenzjoni l-effikaċja ta' l-attivitajiet fil-passat tal-Komunità, u l-azzjonijiet li qed jiġu appoġġjati mill-Istati Membri u donaturi oħra. Gruppi ta' mira bħall-klassijiet l-aktar fil-bżonn tal-populazzjoni, nisa u żgħażagħ għandhom jirċievu attenzjoni partikolari fl-analiżi. Fuq livell bilaterali, il-programm MEDA għandu jagħti appoġġ lis-sħab fl-oqsma ta' transizzjoni ekonomika u tisħiħ ta' bilanċ soċjo-ekonomiku. Formuli ta' stima ta' impatt ambjentali għandhom għandhom jintalbu għall-proġetti relevanti ta' programmi bilaterali u reġjonali, skond il-liġijiet tal-Komunità f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni għandha tinkludi kontizzjonalità xierqa fil-proposta tal-proġett u tiżgura koerenza mal-kriterji ta' Bretton Woods meta meħtieġ, b'konformità ma' l-Anness II mar-Regolament MEDA.

7. (i) L-ekonomiji tar-reġjun iħabbtu wiċċhom ma' l-isfida komuni biex joħolqu opportunitajiet ta' impjiegi u jtejbu l-livell tal-ħajja fil-kuntest ta' tkabbir demografiku mgħaġġel. Iż-żieda meħtieġa fl-iżvilupp tista' biss tintlaħaq permezz ta' kompetittività akbar fi ħdan l-ekonomija globali. Dan jirrikjedi titjib, inter alia, tal-kapaċità għal tiġdid tas-sħab. Kif il-kummerċ ħieles gradwalment bil-mod jistabbilixxi ruhu, hekk il-gvernijiet għandhom iħallu wisa' għal tkabbir immexxi mis-settur privat u għal investiment barrani. Maniġġjar makroekonomiku sod għandu jkun ikkompletat b'tattiċi ekonomiċi favur it-tkabbir u favur l-investiment ekonomiku u qafas regolatorju. Il-programmi indikattivi għandhom iqisu l-karatteristiċi ta' kull ekonomija meta jippjanaw interventi.

(ii) Tkabbir ekonomiku jeħtieġ li jkun akkompanjat b'koeżjoni soċjali ikbar. Inugwaljanzi fl-aċċess għal servizzi essenzali bħal edukazzjoni, saħħa, skemi ta' sigurtà soċjali, djar u ilma jippersistu li jnaqqsu l-opportunitajiet tal-ħajja ta' partijiet sinifikanti tal-populazzjoni tas-sħab u li għandhom effett negattiv għal prospetti ta' tkabbir fil-futur imbiegħed. Dawn il-ħtiġiet għandhom ikunu indirizzati b'urġenza permezz ta' titjib fil-kwalità tas-servizzi u effikaċja ikbar f'kif jitwasslu. Interventi strateġiċi huma rikjesti għall-iżvilupp tar-riżorsi umani in ġenerali għax huma jirrapreżentaw l-akbar ġid tar-reġjun għall-ġejjieni. B'mod partikolari, l-integrazzjoni taż-żgħażagħ u tan-nisa fil-post tax-xogħol tikkostitwixxi fattur importanti ta' żvilupp soċjali fir-reġjun.

Il-programmi bilaterali u reġjonali għandhom jikkomplimentaw lil xulxin

8. Għandu jingħata appoġġ permezz tal-miżuri espressi fir-Regolament MEDA. Iktar minn hekk, permezz tad-djalogu kontinwu bejn is-sħab kien possibbli li jkunu żviluppati il-linji gwida ġenerali li ġejjin.

9. L-attivitajiet li jsiru fil-livell bilaterali u reġjonali għandhom ikunu komplimentari u/jew li jinfurzaw lil xulxin biex jagħmlu possibbli li l-impatt politiku u soċjali tal-programm MEDA ikun sostnut u l-għanijiet addottati flimkien fid-Dikjarazzjoni ta' Barċellona jintlaħqu b'iktar effikaċja. Wara li tgħallmet mill-esperjenza tagħha, hija l-opinjoni ta' l-Unjoni li l-prosperità u l-istabbilità futuri tas-sħab tagħha jiġu minn koperazzjoni ikbar bejniethom fl-isferi ekonomiċi, soċjali u politiċi. L-eliminazzjoni ta' barrieri għandu jkattar l-opportunitajiet għal ekonomiji ta' skali u suq ikbar biex b'hekk ikun inkoraġġut l-investiment, ikun iffaċilitat l-iskambju ta' ideat u jitkabbar il-ftehim reċiproku. Il-programm indikattiv reġjonali għandu jirrifletti l-progress magħmul fil-qafas tal-proċess ta' Barċellona billi jieħu azzjoni fuq livell multilaterali fuq kwistjonijiet ta' interess komuni, kif preskritt fid-dikjarazzjoni maqbula, u jsaħħaħ l-attivitajiet li jappoġġaw koperazzjoni deċentralizzata. B'danakollu, attivitajiet reġjonali ma għandhomx jieħdu post il-provvediment ta' fondi għal attivitajiet bilaterali. Kull programm indikattiv bilaterali għandu jinkludi informazzjoni fuq l-attivitajiet kollha, iffinanzjati taħt kull programm reġjonali ta' koperazzjoni tal-Komunità li jkollu effett jew se jkollu effett fuq dak il-pajjiż sieħeb partikolari.

Trattament iddeċentralizzat

10. Biex jintlaħqu l-populazzjonijiet immirati aħjar u titwessa' l-parteċipazzjoni fil-programm MEDA għall-partijiet differenti tas-soċjetà ċivili li huma nklużi fl-ambitu tas-sħubija Ewro-Meditarranja, il-Kummissjoni għandha tħabbrek biex tippjana u timplimenta l-attivitajiet tagħha flimkien mal-persuni direttament ikkunċernati u li għandhom il-kompetenza meħtieġa għall-ippjanar u l-implimetantzzjoni b'suċċess ta' interventi. Il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni mill-qrib lill-immaneġġjar bil-għaqal u r-reviżjoni perjodika ta' l-impatt ta' programmi bħal dawn.

Programmi bilaterali indikattivi

11. Dwar il-programmi bilaterali, il-prijoritajiet għandhom ikunu deċiżi filwaqt li jitqies l-istadju ta' żvilupp ta' l-ekonomija u tas-soċjetà ta' kull pajjiż kif ukoll il-kapaċità ta' l-istituzzjonijiet tiegħu. Fid-dawl tal-konklużjonijiet jew implimentazzjoni ta' ftehim ta' assoċjazzjoni, il-programmi indikattivi għandhom ikunu deċiżi filwaqt li jitqiesu l-ħteġiet tas-sħab Mediterraniċi, il-kapaċità tagħhom li jassorbu fondi u l-progress li jsir fil-proċess tar-riforma strutturali, kif ukoll il-prijoritajiet identifikati magħhom, b'mod partikolari dawk li joħorġu mill-konklużjonijiet tad-djalogu ekonomiku u mill-ftehim ta' assoċjazzjoni nfushom. Għandu jsir sforz konsiderevoli għall-promozzjoni ta' programmi li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp tad-demokrazija u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem. Fost l-aspetti u oqsma ta' żvilupp ekonomiku u soċjali li jixirqilhom appoġġ finanzjarju, li ġejjin huma indikazzjonijiet ġenerali tad-direzzjoni prinċipali tal-programmi indikattivi bilaterali bejn il-Kummissjoni u sħab Mediterraniċi individwali, matul l-ewwel snin tal-programm MEDA.p

12. *Dwar il-Magħreb:*

— appoġġ lill-Marokk għandu jkun ibbażat fuq żewġ assi prinċipali komplimentari. L-ewwel jindirizza t-titjib tal-bilanċ soċjo-ekonomiku permezz ta' miżuri fuq żvilupp rurali, ilma u l-iżvilupp ta' servizzi soċjali, b'mod partikolari fl-edukazzjoni u kura tas-saħħa. F'dan il-kuntest għandhom jitqiesu wkoll il-ħteġiet tal-Provinċji tat-Tramuntana. It-tieni assi jikkonċerna l-appoġġ għal transizzjoni ekonomika fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u jinkludi, b'mod partikolari, appoġġ fl-estimi biex jirfed strateġija ta' stabilizzazzjoni makroekonomika għall-futur mhux imbiegħed u riformi wiesa' strutturali kif ukoll miżuri li jtejbu l-kompetittività ta' l-impriża,

— għat-Tuneżija, l-appoġġ għandu jkun ikkonċentrat fuq żewġ assi prinċipali komplimentari. L-ewwel, appoġġ għal transazzjoni ekonomika fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li ġeneralment ikollu fih l-attivitajiet li ġejjin: appoġġ fl-estimi għall-riformi ekonomiċi, għajnuna għal titjib ekonomiku (li jinkludi l-iżvilupp tas-settut finanzjarju), promozzjoni ta' investiment minn barra, programm ta' taħriġ professjonali u modernizzazzjoni ta' l-infrastruttura ekonomika. It-tieni assi, it-tisħiħ fil-bilanċ soċjali, jipprovdi b'mod partikolari, għal attivitajiet ta' appoġġ għal żvilupp ta' zoni rurali u ħolqien ta' impjiegi, inkluż żvilupp ta' impriżi żgħar,

— interventi favur l-Alġerija għandhom jiffokaw fuq żewġ zoni prinċipali komplimentari. L-ewwel assi hu li jingħata appoġġ lill-ekwilibriju soċjo-ekonomiku permezz ta' titjib ta' l-istrumenti favur il-ġid soċjali, biex ikunu indirizzati ħtiġiet soċjali fundamentali u ħolqien ta' impjiegi fil-futur qarib, kif ukoll għas-settur tad-djar. Għandhom ukoll jittieħdu miżuri favur l-ambjent. It-tieni assi għandu jikkonsisti f'appoġġ għal transizzjoni ekonomika permezz ta' programmi ta' aġġustament strutturali, promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' impriżi żgħar (SME) u ta' daqs medju (IŻM), programm ta' ristrutturar industrijali u modernizzar kif ukoll l-iżvilupp tas-settur finanzjarju.

13. *Dwar il-Mashreq:*

— appoġġ għall-Eġittu huwa bbażat fuq żewġ assi pinċipali komplimentari. It-Tisħiħ tal-bilanċ soċjali għandu jikkostitwixxi l-parti l-kbira tal-koperazzjoni finanzjarja. Għandha tikkomprendi kontribuzzjoni għall-fond ta' l-iżvilupp soċjali għat-titjib tas-servizzi, għat-tnaqqis tal-faqar u ħolqien ta' impjiegi, flimkien ma' programm għar-riforma ta' l-edukazzjoni bażika. Iktar minn hekk, għandhom jittieħdu miżuri għall-protezzjoni ta' l-ambjent. Appoġġ għal transizzjoni ekonomika għandu jikkostitwixxi t-tieni assi u għandu jinkludi programm ta' modernizzar industrijali, programm għal taħriġ professjonali u għal approfondiment u twessigħ tas-settur finanzjarju,

— koperazzjoni mal-Ġordan għandha tkun tikkonsisti prinċipalment fi programm ta' aġġustament strutturali li għandu jipprovdi l-appoġġ meħtieġ fl-estimi biex ikunu stabbilizzati in-nuqqas serju ta' bilanċi makro-ekonomiċi li jeżistu u għall-promozzjoni ta' riformi ekonomiċi strutturali filwaqt li jitqiesu s-setturi soċjali l-iktar sensittivi. Operazzjonijiet oħra jistgħu wkoll jsiru bħall-iżvilupp ta' kapital riskjus għall-promozzjoni ta' impriżi. Fl-isfera soċjali, jistgħu jittieħdu miżuri ta' taħriġ professjonali, kif ukoll attivitajiet favur l-ambjent,

— fil-programm għal-Libanu, appoġġ għandu jissokta jingħata lill-proċess ta' rikostruzzjoni. Fil-qasam ta' bilanċ soċjo-ekonomiku, għandha ssir enfasi fuq it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva ta' l-Istat, inklużi awtoritajiet lokali u mmaneġġjar ta' servizzi pubbliċi. Għandhom isiru wkoll interventi fis-settur ta' l-ilma u għall-protezzjoni ta' l-ambjent. Dwar transizzjoni ekonomika, miżuri dwar rikostruzzjoni, titjib tas-settur privat, kapital riskjus, taħriġ u attestazzjoni professjonali għandhom ikunu appoġġati,

— għas-Sirja, biex takkompanja l-ekonomija li progressivament tkun qiegħda tiġi lliberalizzata, koperazzjoni għandha tkun iffokata fuq it-titjib ta' l-amministrazzjoni, b'mod partikolari fis-servizzi pubbliċi u s-servizzi soċjali, gvern lokali u ministeri ċentrali. Dan għandu jkollu l-għan doppju li jipprovdi ambjent iktar favorevoli lejn is-settur privat u jtejjeb il-kondizzjonijiet ta' ħajja tal-popolazzjoni. Appoġġ għandu wkoll jingħata lill-modernizzazzjoni tas-settur bankarju,

— mill-1993 'l hawn l-Unjoni Ewropea kienet l-ikbar sieħeb finanzjarju ta' l-Awtorità Palestinjana. L-għan prinċipali ta' din il-koperazzjoni kien li tippromwovi l-ekonomija Palestinjana biex tonqos id-dipendenza tagħha minn Iżreal billi tiżviluppa l-bażi produttiva tagħha u tiffaċilita l-integrazzjoni tagħha fil-kummerċ reġjonali u internazzjonali. Il-prijoritajiet għal għajnuna għandhom ikunu r-rikostruzzjoni u r-riabbilità ta' l-infrastruttura bażika, kif ukoll appoġġ għall-proċess ta' bini ta' istituzzjonijiet Palestinjani u l-iżvilupp tas-settur privat.

14. Il-programm tat-Turkija għandu jiddetermina l-prijorità ta' interventi li għandhom x'jaqsmu, fuq in-naħa l-waħda, ma' l-adattazzjoni ekonomika meħtieġa u, fuq in-naħa l-oħra, ma' l-appoġġ għas-servizzi soċjali u l-ambjent, u li jkollhom l-għan ġenerali li jappoġġaw it-twaqqif ta' unjoni doganali. Hekk għandhom jittieħdu miżuri għall-promozzjoni tal-kompetittività ta' l-SME u għall-iżvilupp ta' l-amministrazzjoni permezz ta' koperazzjoni istituzzjonali. Barra dan, għandhom isiru proġetti u programmi fil-qasam ta' l-ambjent. L-attivitajiet fis-setturi soċjali għandhom jiffokaw fuq il-ħteġiet tal-foqra u fuq l-edukazzjoni u s-saħħa.

Appoġġ għal transizzjoni ekonomika

15. Il-pajjiżi sħab Mediterranji għandhom jgħinu biex jippreparaw ruħhom għal kummerċ ħieles mal-Komunità u biex jgħollu l-istandard tal-ħajja. L-għan usa' ta' l-interventi tal-Komunità għandu jkun li jkabbar il-kompetittività ta' l-ekonomiji tas-sħab, bil-għan li jinkiseb tkabbir ekonomiku sostenibbli, b'mod partikolari permezz ta' titjib f'attività ta' esportazzjoni.

Għal dan il-għan għajnuna tingħata b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

— il-ħolqien ta' ambjent li jagħti possibiltajiet permezz ta' tisħiħ tal-qafas makroekonomiku u ta' l-iżvilupp tal-liġijiet u l-istituzzjonijiet meħtieġa għal ekonomija kompetittiva tas-suq, li hija l-bażi meħtieġa għal żvilupp ekonomiku u soċjali. Għal dan il-għan, operazzjonijiet ta' aġġustament strutturali għandhom ikunu appoġġjati f'koperazzjoni mill-qrib ma' l-istituzzjonijiet ta' Bretton Woods, għal dawk is-sħab li huma lesti li jimplimentaw ir-riformi meħtieġa,

— il-ħolqien ta' qafas legali u amministrattiv xieraq li hu stabbli, ta' min jorbot fuqu u konsistenti b'għanijiet tas-sħubija Ewro-Mediterranja,

— faċilità tal-kummerċ, inkluża għajnuna fil-qasam tad-dwana u tassazzjoni indiretta, armonizzazzjoni ta' standards u regolamenti veterinarji u fito-sanitarji, kif ukoll progammi ta' promozzjoni għall-esportazzjoni,

— armonizzazzjoni ta' liġijiet u standards u t-tisħiħ ta' istituzzjonijiet fil-qasam ta' l-ambjent,

— żvilupp tas-settur finanzjarju permezz ta' appoġġ fil-livell ta' politika u għajnuna biex jissaħħu l-banek ċentrali, biex jiżviluppaw il-banek kummerċjali u biex jitwessgħu u japprofondaw ruħhom is-swieq finanzjarji; attenzjoni partikolari għandha tingħata lill-istimulazzjoni ta' tifdil domestiku u investiment, kif ukoll promozzjoni għal ġewwa r-reġjun, speċjalment Ewropew. Huwa b'mod partikolari importanti li jitjieb l-aċċess għal servizzi finanzjarji, u notevolment għal SME privati,

— titjib fl-andament tal-kummerċ, b'mod partikolari bil-modernizzazzjoni ta' l-SME, kif ukoll bil-promozzjoni u bl-inkuraġġiment ta' żvilupp ta' oħrajn ġodda, permezz ta' konsultazzjoni fin-negozju, taħriġ u informazzjoni,

— kollaborazzjoni fin-negozju bejn kumpaniji Ewropej u Mediterranji, speċjalment SME, permezz ta', per eżempju, komunikazzjonijiet, assoċjazzjonijiet konġunti, liċenzi, dritt ta' rappreżentanza, għoti ta' sottokuntratti u ċentri ta' servizz speċjalizzati,

— promozzjoni ta' privatizzazzjoni biex ikun żgurat it-trasferiment effettiv tal-pussess, immaniġġjar u kontroll lis-settur privat,

— koperazzjoni fis-setturi ta' l-enerġija, trasport, ilma u telekomunikazzjonijiet fir-rigward ta'politika, interkonnessjoni u interoperabilità ta' infrastruttura uxibka ta' komunikazzjonijiet, it-titjib fil-kwalità u t-tnaqqis ta' spejjeż fl-għoti ta' servizzi, koperazzjoni industrijali inklużi zoni industrijali u żvilupp ta' riċerka u tekniku,

— appoġġ lill-impriżi żgħar bil-għan ta' promozzjoni ta' intraprendituri u ta' għajnuna biex ikunu integrati il-partijiet kollha tas-soċjetà fil-proċess tat-tkabbir ekonomiku,

— żvilupp tar-riżorsi umani permezz tat-titjib tat-tmexxija, miri u kwalità ta' taħriġ vokazzjonali u maniġerjali,

— titjib fis-sistemi ta' tiġdid tas-sħab permezz ta' riċerka mtejba u żvilupp ta' kapaċitajiet tekniċi u mekkaniżmi għat-trasferiment tat-teknoliġija u appoġġ għall-iżvilupp ta'politika ta' tiġdid nazzjonali xierqa.

Tisħiħ fil-bilanċ soċjo-ekonomiku

16. Biex jittaffew l-ispejjeż fil-futur qarib tat-transizzjoni ekonomika u jkunu ppreparati aħjar is-soċjetajiet għall-futur, huwa b'mod partikolari importanti li dan il-proċess għandu jkun akkompanjat b'miżuri xierqa fil-qasam tal-politika soċjali.

— l-iżvilupp rurali jibqa' strateġija essenzali għall-ġlieda kontra l-faqar u biex tkun evitata qasma dejjem titwessa bejn il-ġid tal-populazzjoni rurali u dik urbana. Proporzjon kbir tal-populazzjoni tas-sħab Mediterranji tibqa' marbuta kulturalment u ekonomikament mal-kampanja. Esodu dejjem jiżdied lejn zoni urbani jista' jkollu konsegwenzi soċjali, politiċi u ambjentali serji. Żieda fl-effiċjenza ta' l-agrikultura għandha sehem importanti x'tagħti fit-titjib ta' l-istandards tal-ħajja rurali, kif għandu l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u mikro-impriżi. Programmi immirati huma wkoll rikjesti biex jindirizzaw ħtiġiet essenzali bħal servizzi primarji tas-saħħa u l-edukazzjoni, forniment ta' ilma u drenaġġ kif ukoll enerġija

— Attenzjoni partikolari għandha tingħata lill-preżervazzjoni tal-bilanċ ambjentali fil-pajjiżi sħab permezz ta' appoġġ għall-bini ta' kapaċità fil-qasam ta' stima ambjentali, tmexxija, leġislazzjoni u infurzar ambjentali. Sussidji fir-rati ta' mgħax jistgħu jingħataw fuq self tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment għal proġetti ambjentali biex jikkumpensaw għall-ispejjeż ta' titjib ta' l-ambjent.

— Programmi li jindirizzaw it-titjib fil-kondizzjonijiet tal-ħajja f'zoni urbani għandhom ikunu appoġġjati inklużi, fejn hu xieraq l-iżvilupp ta' skemi ta' sigurtà soċjali permezz ta' politika pro-attiva u miżuri kontra l-faqar. Dan jista' jieħu l-għamla ta' fond soċjali li jippromwovi xogħol għal setturi soċjali żvantaġġjati u wkoll jappoġġja miżuri apposta ta' saħħa u edukazzjoni. Għajnuna tista' tingħata għall-formulazzjoni ta' politika soċjali, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa u ta' l-assigurazzjoni kontra l-qgħad u skemi ta' pensjoni.

— Titjib fl-infrastruttura soċjali u fil-forniment ta' servizzi soċjali għandu jkun appoġġjat. Saħħa primarja tista' wkoll tkun iffinanzjata bħala parti mill-għan strateġiku li titnaqqas iż-żieda fil-popolazzjoni. Promozzjoni ta' kwantità ta' djar adegwata għandha wkoll tkun appoġġjata.

— Titjib fil-forniment ta' servizzi fil-qasam ta' edukazzjoni u taħriġ għandu jkun appoġġjat b'mod partikolari fir-rigward ta' edukazzjoni primarja u taħriġ vokazzjonali għal bniet u nisa u notevolment f'zoni rurali.

— Miżuri għall-promozzjoni ta' koperazzjoni msaħħa fil-qasam tas-sajd u esplojtazzjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar.

L-iżvilupp ta' soċjetà ċivili

17. L-iżvilupp ta' soċjetà ċivili għandha tkun appoġġjata permezz ta' miżuri li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u l-osservanza tal-liġi. Appoġġ għal miżuri bħal dawn jista' jinkludi koperazzjoni deċentralizzata. Koperazzjoni fil-qasam tar-riċerka u żvilupp tekniku u trasferiment tat-teknoloġija għandha tkun stimulata, billi tressaq f'kuntatt persuni privati u pubbliċi. Attivitajiet kulturali li jippromwovu djalogu u skambju bejn assoċjazzjonijiet kulturali u xibka ta' komunikazzjonijiet għandhom ikunu appoġġjati. Attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni Trans-Mediterranji għandhom jissaħħu fil-qafas ta' l-iżvilupp ta' soċjetà ta' informazzjoni tassew Ewro-Mediterranja. Sħab soċjali u organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom ikunu inkuraġġiti jagħtu sehem attiv.

Linji gwida għall-programm indikattiv reġjonali

18. Koperazzjoni reġjonali għandha tkun komplimentari għal koperazzjoni bilaterali u għandha tindirizza tliet zoni prinċipali tas-sħubija Ewro-Mediterranja. Fost l-aspetti u l-oqsma ta' żvilupp ekonomiku u soċjali adattati għall-appoġġ finanzjarju msemmi fid-Dikjarazzjoni ta' Barċellona u fl-Anness II ma' r-Regolament MEDA, li ġejjin huma indikazzjonijiet tad-direzzjoni prinċipali tal-programmi indikattivi reġjonali kurrenti bejn il-Komunità u s-sħab Mediterranji. Għandu jitqies il-progress li jkun sar fil-laqgħat organizzati fil-kuntest tas-segwiment tal-konferenza inter-ministerjali ta' Barċellona. Il-għan ġenerali għandu jkun li jinkuraġġixxi lis-sħab għal ftehim aħjar bejniethom permezz ta' għarfien ikbar ta' problemi reġjonali fl-oqsma politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, li jiffaċilita l-iskambju ta' l-aħjar prattika u trasferiment tal-mod kif u promozzjoni ta' proġetti konġunti ta' interess komuni. Iktar minn hekk l-Unjoni Ewropea għandha tissokta tipprovdi appoġġ lill-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.

19. Fil-qasam politiku, bħal fil-każ tal-programmi bilaterali, permezz ta' miżuri li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament MEDA, appoġġ jista' jingħata lil:

— l-iżvilupp tad-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bmiedem,

— it-titjib tat-trasparenza u effiċjenza ta' istituzzjonijiet governattivi,

— il-bini ta' fiduċja biex tkun imsaħħa l-istabbilità fir-reġjun.

20. Fl-oqsma ekonomiċi u finanzjarji għajnuna għandha tingħata għall-preparazzjoni ta' zoni ta' kummerċ ħieles bil-promozzjoni tal-kompetittività u billi tkun iffaċilitata t-transizzjoni ekonomika b'mod partikolari fl-oqsma ta' regolamenti doganali, regoli ta' oriġini, statistiċi, normi u regolamenti veterinarji u fito-sanitarji kif ukoll fi proċeduri bankarji u swieq ta' titoli.

Miżuri xierqa għandhom jittieħdu fl-oqsma tat-trasport, enerġija (fejn il-Forum ta' l-Enerġija Ewro-Mediterranju jaġixxi bħala strument ta' kordinazzjoni), telekomunikazzjonijiet u informazzjoni teknoloġika, koperazzjoni reġjonali, turiżmu, l-ambjent, xjenza u teknoloġija, ilma u sajd. Komunikazzjoni flimkien fost ċentri ta' riċerka u żvilupp u operaturi ekonomiċi biex ikunu ffaċilitati t-trasferiment tal-mod kif u l-iżvilupp ta' assoċjazzjonijiet konġunti u opportunitajiet ta' kummerċ għandhom ikunu appoġġjati.

21. Fl-isferi soċjali u kulturali, programmi deċentralizzati għal skambji bejn is-soċjetajiet ċivili ta' l-Unjoni Ewropea u l-*partners* Mediterranji għandhom ikunu implimentati fl-oqsma ta' tagħlim akkademju, media, gvern lokali, teknoloġija u oqsma oħra ta' interess reċiproku.

Miżuri oħra bħal djalogi, proġetti ta' interess komuni jew komunikazzzjoni flimkien għandhom jittieħdu, kif identifikati fil-qafas tas-sħubija Ewro-Meditarranja, biex jappoġġjaw gvern lokali, djalogu kulturali, media, skambju bejn iż-żgħażagħ, skambji bejn is-soċjetà ċivili. Żvilupp ta' riċerka u teknoloġija, trasferiment ta' teknoloġija, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni għandhom jissaħħu permezz ta' l-użu tat-teknoloġija moderna ta' informazzjoni.

Fl-aħħarnett, għajnuna teknika tista' tingħata bil-għan li ssir ġlieda kontra drogi, terroriżmu u reati internazzjonali. Miżuri jistgħu jindirizzaw l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza, il-kompatibilità ta' data, u t-tisħiħ ta' sistemi legali.

Previżjoni perjodika u evalwazzjoni ex-post

22. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-ikbar attenzjoni għat-tmexxija bil-għaqal tal-programmi indikattivi bilaterali u reġjonali u l-proġetti u programmi individwali ffinanzjati permezz tagħhom. Għandhom ikunu suġġetti għal reviżjoni perjodika u evalwazzjoni ex-post. Analiżi bħal din għandha tinkludi stima ta' kemm l-għanijiet speċifiċi ġew imwettqa, il-vijabilità ekonomika u l-valur-siwi ta' l-attivitajiet varji, kif ukoll il-kontribuzzjoni tagħhom lis-sħubija Ewro-Meditarranja in ġenerali. Attenzjoni partikolari għandha tingħata għall-mod kif il-programmi indikattivi u l-proġetti indirizzaw il-kwistjonijiet bażiċi espressi f'dawn il-linji gwida. Ir-riżultati ta' analiżi bħal din għandha tingħata lill-Istati Membri.